BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 12**

## L-ERBGĦA 30 T'OTTUBRU, 2013

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar l-Erbgħa 30 t'Ottubru, 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)

**Is-Sindku** Alison Zerafa Civelli, il-**Viċi-Sindku** Ivan Agius u **l-Kunsilliera** Pablo Cachia Belli, Roderick Mamo, James Cauchi, Alfred Attard u Noyah Spiteri.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

## AGENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Impjieg ta' Skrivan/a fi Skala 15
3. Kommemorazzjoni – 19 ta' Novembru, 1944 / Jum Bormla 2013
4. Attivitajiet tal-Milied
5. Korrispondenza
6. Aġġornament

## TALBA

**Is-Sindku Alison Zerafa Civelli** qalet it-talba.

**12/01** **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti - Laqgħa nru 10</u>**

12/01/01 Il-minuti tal-laqgħa nru 10 ġew meħuda bħala moqrija.

12/01/02 Wara konsiderazzjoni tal-minuti, fuq mozzjoni tas-Sindku ssekondata mill-Kunsilliier Pablo Cachia Belli, il-minuti ġew unanimament approvati.

12/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**12/02** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti - Laqgħa nru 11**

12/02/01 Il-minuti tal-laqgħa nru 11 ġew meħuda bħala moqrija.

12/02/02 Wara konsiderazzjoni tal-minuti, fuq mozzjoni tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku, il-minuti ġew unanimament approvati.

12/02/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**12/03** **Impjieg ta' Skrivan fi Skala 15**

12/03/01 Il-Kunsill evalwa l-kummenti tal-Bord tal-Għażla wara li diġa kien għamel l-intervista mas-Sur Lydon Vella.

12/03/02 Fuq mozzjoni tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Alfred Attard, il-kunsill unanimament approva li jingaġġa lis-Sur Lydon Vella bħala skrivan fi Skala 15.

**12/04** **Kommemorazzjoni 19 ta' Novembru 1944 / Jum Bormla 2013**

12/04/01 Is-Sindku preżentat abbozz tal-programm u l-invit għal Jum Bormla.2013.

12/04/02 Il-Kunsill unanimament approva li l-invit u l-programm għandhom jiġu stampati separatement.

✧ Il-Kunsilliera Noyah Spiteri daħlet fis-6.40pm

12/04/03 Finalment il-kunsill unanimament approva li jingħata rikonoxximent lill-Klabb tar-Regatta għas-suċċess li għamel fir-Regatta tat-8 ta' Settembru 2013.

**12/05** **Attivitajiet tal-Milied 2013-10-31**

12/05/01 Il-Kunsill unanimament approva li l-attivita' tal-Milied li se ssir fl-20 ta' Diċembru, 2013 tiġi intitolata bl-isem "Christmas by the Dock".

12/05/02 Il-Kunsill approva li niktbu lis-sidien tal-laneċ *Captain Morgan* biex jestendi l-operazzjonijiet tas-servizzi bejn Bormla u l-Belt Valletta sat-tard filgħaxija.

12/05/03 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill li se jkun diffiċli li nilqgħu l-istedina ta' "Xarabank" biex nattendu fix-xahar ta' Diċembru minħabba l-festa tal-lokal u l-Milied.

12/05/04 Il-Kunsill unanimament approva li nipparteċipaw f'"Xarabank" fiż-żminijiet tal-Ġimgħa l-Kbira biex nagħmlu pubbliċita tal-attivitajiet li normalment isiru f'dawn iż-żminijiet.

12/05/05 Il-Kunsill unanimament approva li bħas-snin ta' qabel issir ikla għall-Kunsilliera u Staff tal-Kunsill fix-xahar ta' Jannar 2014.

**12/06** **Korrispondenza**

12/06/01 <u>Memo 26/2013 – Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali (05/3824/13)</u>

Il-Kunsilli Lokali ta' Malta ġew mitluba jaħtru ambaxxatur jew ambaxxatriċi biex iwasslu l-vuċi taż-żgħażagħ fil-lokalita' tagħhom.

Il-Kunsill unanimament approva li jaħtar il-membru tal-Kunsill taż-Żgħażagħ is-Sur Georvin Bugeja bħala ambaxxatur fil-Kunsill Lokali ta' Bormla u għaldaqstant għandu jintalab il-kunsens tal-ġenituri tiegħu.

12/06/02 Memo 25/2013 – Skema dwar Inizzjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014 (05/3789/13)

Il-Kunsill unanimament approva li jipparteċipa fl-attivitajiet taż-żewġ skemi mnehdija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif indikati fil-Memo 25/2013 maħruġa fil-25 t'Ottubru, 2013.

12/06/03 Sponsorship lil studenti tal-Kottonera (05/3739/13)

Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mibgħuta minn Palumbo lill-St. Margaret College Girls' Secondary School, fejn għamel għotja ta' Euro 1000 għall-attivitajiet edukattivi.

12/06/04 Attivitajiet mis-St. Margaret College Girls' Secondary (05/3674/13)

Il-Kunsill ġie mitlub minn St. Margaret College Girls' Secondary School biex nhar ta' Erbgħa jużaw ground bit-turf biex jintlab il-football. Peress li fuq Grounds Peppi Delceppo għaddejjin diskussjonijiet il-Kunsill unanimament approva li ssir konsultazzjoni mal-iskola pimarja biex jintuża l-ground il-ġdid ta' quddiemha.

**12/07 Aġġornament**

12/07/01 Fl-aġġornament is-Sindku tat rendikont tal-laqgħat kollha fosthom il-laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn magħha attendew ukoll il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

12/07/02 Fis-7.30pm l-aġenda ġiet eżawrita u l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru, 2013 fis-6.30pm.

Alison Zerafa Civelli
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv